# IL-POLITIKA TAL-ENERĠIJA: PRINĊIPJI ĠENERALI

L-isfidi li qed tiffaċċja l-Ewropa fil-qasam tal-enerġija jinkludu kwistjonijiet bħad-dipendenza dejjem akbar fuq l-importazzjoni, id-diversifikazzjoni limitata, prezzijiet tal-enerġija għoljin u volatili, id-domanda globali għall-enerġija li dejjem qed tikber, ir-riskji ta' sigurtà li qed jaffettwaw kemm lill-pajjiżi produtturi kif ukoll lil dawk ta' tranżitu, it-theddid dejjem akbar tat-tibdil fil-klima, il-progress kajman fil-qasam tal-effiċjenza fl-enerġija, l-isfidi taż-żieda fl-użu ta' sorsi rinnovabbli, kif ukoll il-ħtieġa ta' trasparenza akbar, iktar integrazzjoni u interkonnessjoni fis-swieq tal-enerġija. Fil-qalba tal-politika Ewropea dwar l-enerġija hemm diversi miżuri indirizzati lejn ir-realizzazzjoni ta' suq tal-enerġija integrat, is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija u s-sostenibbiltà tas-settur tal-enerġija.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikolu 194 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Dispożizzjonijiet speċifiċi:

— Is-sigurtà tal-provvista: l-Artikolu 122 tat-TFUE;

— In-Netwerks tal-Enerġija: l-Artikoli 170-172 tat-TFUE;

— Il-faħam: il-Protokoll 37 jiċċara l-konsegwenzi finanzjarji li jirriżultaw mill-iskadenza tat-Trattat KEFA fl-2002;

— L-enerġija nukleari: it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (it-Trattat Euratom) hu l-bażi ġuridika għal ħafna mill-azzjonijiet Ewropew fil-qasam tal-enerġija nukleari.

Dispożizzjonijiet oħra li jaffettwaw il-politika tal-enerġija:

— Is-suq intern tal-enerġija: l-Artikolu 114 tat-TFUE;

— Il-politika esterna dwar l-enerġija: l-Artikoli 216-218 tat-TFUE.

## L-OBJETTIVI

Skont l-Unjoni tal-Enerġija (2015), il-ħames għanijiet ewlenin tal-politika tal-enerġija tal-UE huma li:

— tiżgura t-tħaddim tas-suq intern tal-enerġija u l-interkonnessjoni tan-netwerks tal-enerġija;

— tiżgura s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija fl-Unjoni;

— tippromwovi l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u l-iffrankar tal-enerġija;

— Id-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija; lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi;

— tippromwovi l-iżvilupp ta' forom ta' enerġija ġodda u rinnovabbli biex l-għanijiet tat-tibdil fil-klima jiġu allinjati u integrati aħjar fid-disinn il-ġdid tas-suq. u

— tippromwovi r-riċerka, l-innovazzjoni u l-kompetittività.

L-Artikolu 194 tat-TFUE jagħmel uħud mill-oqsma tal-politika tal-enerġija kompetenza kondiviża, filwaqt li jindika tqarrib lejn politika komuni tal-enerġija. Madankollu kull Stat Membru jżomm id-dritt tiegħu li "jiddetermina l-kondizzjonijiet għall-isfruttament tar-riżorsi ta' enerġija tiegħu, l-għażla tiegħu bejn riżorsi differenti ta' enerġija u l-istruttura ġenerali tal-provvista ta' enerġija tiegħu" (Artikolu 194(2)).

## IL-KISBIET

**A.** Il-qafas tal-politika ġenerali

L-aġenda politika attwali hi mmexxija mill-politika integrata u komprensiva dwar il-klima u l-enerġija adottata mill-Kunsill Ewropew tal-24 ta' Ottubru 2014, li għandha l-għan li sal-2030 tilħaq il-miri li ġejjin:

— tnaqqis ta' mill-inqas 40% tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra meta mqabbla mal-livelli tal-1990;

— żieda għal 27 % tas-sehem ta' enerġiji rinnovabbli fil-konsum tal-enerġija;

— titjib ta' 20 % fl-effiċjenza enerġetika, bil-ħsieb li jinkiseb 30 %;

— żvilupp ta' mill-inqas 15 % ta' interkonnessjoni tal-elettriku.

Fit-30 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni pproponiet il- "Pakkett dwar l-Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha" (COM(2016)860), bil-għan li l-Unjoni Ewropea tibqa' kompetittiva hekk kif it-tranżizzjoni lejn l-enerġija nadifa tibdel is-swieq globali tal-enerġija. Il-pakkett jinkludi tmien proposti leġislattivi li jkopru: il-Governanza, id-Disinn tas-Suq tal-Elettriku (id-Direttiva dwar l-Elettriku, ir-Regolament dwar l-Elettriku, u r-Regolament dwar it-Tħejjija għar-Riskji), l-Effiċjenza Enerġetika, ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija, l-Enerġija Rinnovabbli u r-Regoli għar-regolatur ACER.

Fit-30 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni Ewropea ħarġet proposta għal regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija, bħala parti mill-pakkett "pakkett dwar l-Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha". Ir-rapport ġie adottat waqt il-plenarja tas-17 ta' Jannar 2018, flimkien ma' mandat għal negozjati interistituzzjonali. Fl-20 ta' Ġunju 2018 intlaħaq ftehim proviżorju, u l-adozzjoni formali saret fit-13 ta' Novembru min-naħa tal-Parlament u fl-4 ta' Diċembru 2018 min-naħa tal-Kunsill.

Skont ir-Regolament, kull Stat Membru jeħtieġlu jippreżenta "pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima" mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2019, u sussegwentement mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2029, u kull għaxar snin minn hemm 'il quddiem. Dawn l-istrateġiji fit-tul se jistabbilixxu viżjoni politika għall-2050, peress li l-Istati Membri jeħtiġilhom jiżviluppaw il-pjanijiet nazzjonali tagħhom bil-għan li jilħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi. Dawn il-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima

se jinkludu miri, kontribuzzjonijiet, politiki u miżuri nazzjonali għal kull waħda mill-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija: id-dekarbonizzazzjoni, l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, is-sigurtà tal-enerġija, is-suq intern tal-enerġija, u r-riċerka, l-innovazzjoni u l-kompetittività.

**B.** L-Ikkompletar tas-Suq Intern tal-Enerġija

It-Tielet Pakkett tal-Enerġija, ir-Regolament dwar il-Linji Gwida għall-Infrastruttura tal-Enerġija Trans-Ewropea (Regolament (UE) Nru 347/2013) u r-Regolament dwar l-Integrità u t-Trasparenza tas-Swieq tal-Enerġija bl-Ingrossa (Regolament (UE) Nru 1227/2011), id-Direttiva dwar l-Elettriku (COM(2016) 0864), ir-Regolament dwar l-Elettriku (COM(2016) 0861) u r-Regolament dwar it-Tħejjija għar-Riskji (COM(2016) 0862) huma wħud mill-istrumenti ewlenin ta' leġiżlazzjoni li għandhom l-għan li jikkontribwixxu għall-funzjonament aħjar tas-suq intern tal-enerġija (2.1.9 dwar is-suq intern tal-enerġija).

**C.** It-titjib tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija

Il-pedament tal-politika tal-effiċjenza fl-enerġija tal-UE hi d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija adottata fil-25 ta' Ottubru 2012 bl-għan li terġa' tpoġġi l-Istati Membri lura fit-triq li twassal biex jintlaħqu l-objettivi 2020. F'Novembru 2016, il-Kummissjoni pproponiet li tirrevedi d-Direttiva 2012/27/UE (COM(2016) 0761 u COM(2016) 0765), sabiex issaħħaħ ir-rendiment ta' binjiet ġodda fl-użu tal-enerġija, tħaffef il-pass tar-rinnovazzjoni għal binjiet eżistenti sabiex ikun iktar effiċjenti, u tagħmel l-aħjar użu mill-potenzjal enormi ta' żidiet fl-effiċjenza enerġetika fis-settur tal-kostruzzjoni (ara l-iskeda 2.4.8 dwar l-Effiċjenza Enerġetika).

**D.** L-aħjar użu tar-riżorsi indiġeni tal-enerġija tal-UE (inklużi dawk li jiġġeddu)

Waħda mill-prijoritajiet miftiehma tal-Kunsill Ewropew ta' Mejju 2013 kienet li tiġi intensifikata d-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-UE u li jiġu żviluppati riżorsi tal-enerġija lokali li jiżguraw is-sigurtà tal-provvista u jnaqqsu d-dipendenza fuq l-enerġija esterna. Rigward is-sorsi tal-enerġija rinnovabbli, id-Direttiva 2009/28/KE tat-23 ta' April 2009 introduċiet mira ta' 20 % li trid tintlaħaq sal-2020, u l-Kummissjoni pproponiet mira ta' mill-inqas 27 % sal-2030 f'Direttiva riveduta dwar l-enerġija rinnovabbli (COM(2016) 0382) (ara l-iskeda 2.4.9 dwar l-Enerġija Rinnovabbli).

**E.** It-tisħiħ tar-relazzjonijiet esterni dwar l-enerġija

Il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni intitolata "Dwar is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija u l-kooperazzjoni internazzjonali - Il-Politika dwar l-Enerġija tal-UE: Kooperazzjoni ma' pajjiżi lil hinn mill-fruntieri tagħna" (COM(2011)0539) kienet adottata fis-7 ta' Settembru 2011, bil-għan li tippromwovi aktar kooperazzjoni transkonfinali min-naħa tal-UE mal-pajjiżi ġirien tagħha u toħloq żona regolatorja usa' permezz tal-iskambju regolari ta' informazzjoni dwar ftehimiet intergovernattivi u kollaborazzjoni fl-oqsma tal-kompetizzjoni, is-sikurezza, l-aċċess għan-network u s-sigurtà tal-provvista. B'segwitu għal dan, fil-25 ta' Ottubru 2012 kienet adottata d-deċiżjoni li tistabbilixxi mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni fir-rigward ta' ftehimiet intergovernattivi bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi fil-qasam tal-enerġija (T7-0343/2012).

**F.** It-titjib tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija

Fid-dawl tal-importanza kruċjali tal-gass u taż-żejt għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-UE, l-UE adottat diversi miżuri biex tiżgura li l-valutazzjonijiet tar-riskju jitwettqu u li jkunu żviluppati Pjanijiet ta' Azzjoni Preventiva u Pjanijiet ta' Emerġenza adegwati. Ir-Regolament (UE) Nru 994/2010 dwar miżuri li jissalvagwardaw is-sigurtà tal-provvista tal-gass kien adottat fl-20 ta' Ottubru 2010 bil-għan li jsaħħaħ il-mekkaniżmi ta' prevenzjoni u ta' rispons għall-kriżi. Id-Direttiva 2009/119/KE titlob lill-Istati Membri jżommu minimu ta' ħażniet taż-żejt, li jikkorrispondi għal 90 ġurnata tal-medja tal-importazzjoni netta ta' kuljum jew għal 61 ġurnata tal-medja tal-konsum ta' kuljum fuq l-art, skont liema miż-żewġ kwantitajiet ikun l-akbar. Il-Kummissjoni pproponiet li testendi l-ambitu ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/73/KE (id-Direttiva dwar il-Gass) għal pipelines minn u lejn pajjiżi terzi, inklużi pipelines eżistenti u futuri (COM(2017) 0660).

B'rispons għall-kriżi fl-Ukrajna, ir-Regolament 2017/1938 jipprevedi kooperazzjoni reġjonali mtejba, pjanijiet ta' azzjoni preventiva u pjanijiet ta' emerġenza reġjonali, u mekkaniżmu ta' solidarjetà biex tkun salvagwardjata s-sigurtà tal-provvista tal-gass.

**G.** Proġetti ta' riċerka, żvilupp u dimostrazzjoni

Il-programm Orizzont 2020 (H2020) jkopri l-perjodu mill-2014 sal-2020, u hu l-għodda ewlenija tal-UE għall-promozzjoni tar-riċerka fl-enerġija. Il-fondi li jammontaw għal EUR 5931 miljun huma maħsuba biex isostnu l-iżvilupp ta' enerġija nadifa, sikura u effiċjenti u l-iżvilupp sostenibbli.

Il-Pjan Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija tal-Enerġija (il-Plan SET), li ġie adottat mill-Kummissjoni fit-22 ta' Novembru 2007, għandu l-għan li jħaffef l-introduzzjoni fis-suq u l-adozzjoni ta' teknoloġiji b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju u b'effiċjenza enerġetika. Il-Pjan jippromwovi miżuri li jgħinu lill-UE tieħu pożizzjoni li biha tista' tiżviluppa t-teknoloġiji li teħtieġ biex tilħaq l-objettivi politiċi tagħha u, fl-istess ħin, tiżgura li l-kumpaniji tal-UE jistgħu jibbenefikaw mill-opportunitajiet ta' approċċ ġdid fir-rigward tal-enerġija. "Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni (C(2015) 6317) dwar "Lejn Pjan tat-Teknoloġija Enerġetika Strateġika (SET) integrat: l-aċċelerazzjoni tat-trasformazzjoni tas-sistema tal-enerġija Ewropea", evalwat l-implimentazzjoni tal-Pjan SET u kkonkludiet li jeħtieġ jiġu implimentati 10 azzjonijiet sabiex titħaffef it-trasformazzjoni tas-sistema tal-enerġija u jinħolqu l-impjiegi u t-tkabbir.

Il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar "It-Teknoloġiji u l-Innovazzjoni fil-qasam tal-Enerġija" (COM(2013) 0253), ippubblikata fit-2 ta' Mejju 2013, tistabbilixxi l-istrateġija li tippermetti lill-UE li jkollha settur tat-teknoloġija u tal-innovazzjoni fuq skala dinjija li jista' jegħleb l-isfidi sal-2020 u lil hinn.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-PE dejjem esprima l-appoġġ qawwi tiegħu favur politika komuni dwar l-enerġija li tindirizza kwestjonijiet relatati mal-kompetittività, mas-sigurtà u mas-sostenibbiltà. Diversi drabi għamel sejħiet biex l-Istati Membri jkunu koerenti, determinati, jikkooperaw u juri solidarjetà bejniethom meta jiffaċċjaw sfidi attwali u futuri fis-suq

intern, u sabiex l-Istati Membri kollha tal-UE juru impenn politiku kif ukoll sabiex ikun hemm inizjattiva qawwija mill-Kummissjoni sabiex jintlaħqu l-objettivi 2030.

Il-Parlament ilu żmien jistinka għal integrazzjoni akbar tas-suq tal-enerġija u biex ikunu adottati miri ambizzjużi li jkunu legalment vinkolanti għall-enerġija li tiġġedded, għall-effiċjenza fl-enerġija u għat-tnaqqis tal-gassijiet serra. F'dan ir-rigward, il-Parlament jappoġġa l-adozzjoni ta' impenji aktar b'saħħithom favur il-miri tal-UE, filwaqt li jissottolinja li l-politika l-ġdida dwar l-enerġija għandha ssostni l-objettiv għal terminu twil li l-emissjonijiet tal-UE ta' gassijiet serra jitnaqqsu bi 80 sa 95% sal-2050.

Il-Parlament jappoġġa wkoll id-diversifikazzjoni tas-sorsi ta' enerġija u tar-rotot tal-provvista u l-importanza tal-iżvilupp ta' interkonnessjonijiet mill-Ewropa Ċentrali u tax-Xlokk matul l-assi mit-Tramuntana għan-Nofsinhar għall-gass u l-elettriku, f'termini tal-ħolqien ta' aktar interkonnessjonijiet u d-diversifikazzjoni tat-terminals tal-gass naturali fi stat likwidu u l-iżvilupp ta' pipelines, biex b'hekk jinfetaħ is-suq intern.

Fid-dawl tad-dipendenza dejjem akbar tal-Ewropa fuq il-fjuwils fossili, il-Parlament laqa' l-Pjan SET, konvint li dan seta' jagħti kontribut essenzjali għas-sostenibilità u s-sigurtà tal-provvista, u jagħti prova li hu assolutament meħtieġ li jintlaħqu l-għanijiet tal-enerġija u l-klima tal-UE għall-2030. Waqt li jissottolinja r-rwol sinifikanti tar-riċerka biex tiġi garantita provvista tal-enerġija sostenibbli, il-Parlament enfasizza l-ħtieġa ta' sforzi komuni fil-qasam ta' teknoloġiji ġodda tal-enerġija, kemm f'sorsi tal-enerġija rinnovabbli u teknoloġiji ta' fjuwils fossili sostenibbli kif ukoll ta' finanzjament addizzjonali pubbliku u privat li jiżguraw l-implimentazzjoni b'suċċess tal-pjan.

Wara dawn l-objettivi, il-Parlament esprima l-appoġġ tiegħu għall-miżuri proposti mill-Kummissjoni fil-Pakkett dwar l-Enerġija Nadifa Għall-Ewropej Kollha[1], f'dawn ir-riżoluzzjonijiet ewlenin reċenti li ġejjin:

— is-6 ta' Frar 2018: Il-Parlament adotta sensiela ta' rakkomandazzjonijiet mhux leġiżlattivi mfassla mill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija tiegħu bil-għan li tissaħħaħ l-innovazzjoni fl-enerġija billi tittejjeb il-parteċipazzjoni attiva taċ-ċittadini u billi tiġi ppjanata viżjoni fit-tul dwar kif jiġu allokati r-riżorsi[2];

— is-17 ta' Jannar 2018: Il-Parlament stabbilixxa miri vinkolanti ġodda għall-effiċjenza enerġetika u l-użu tal-enerġija rinnovabbli sal-2030. Il-Membri tal-PE appoġġaw tnaqqis ta' 40% fil-konsum tal-enerġija tal-UE sal-2030 u sehem tal-enerġija rinnovabbli ta' mill-inqas 35%[3];

— id-19 ta' Diċembru 2017: Il-Parlament u l-Kunsill qablu b'mod proviżorju dwar binjiet b'effiċjenza enerġetika. L-Istati Membri se jkunu obbligati jiżviluppaw strateġiji fit-tul biex jiżguraw li l-binjiet fl-UE ftit li xejn jużaw enerġija sal-2050[4];

[1]https://ec.europa.eu/energy/en/news/commission-proposes-new-rules-consumer-centred-clean-energy-transition

[2]http://www.europarl.europa.eu/news/mt/press-room/20180202IPR97028/clean-energy-innovation-needs-a-change-of-mind-set

[3]http://www.europarl.europa.eu/news/mt/press-room/20180112IPR91629/l-meps-jistabbilixxu-miri-ambizzjuzi-ghal-energija-aktar-nadifa-u-efficjenti

[4]http://www.europarl.europa.eu/news/mt/press-room/20171219IPR90606/energy-efficient-buildings-provisional-agreement-ep-and-council

— is-7 ta' Diċembru 2017: Il-Kumitat tal-Parlament għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel approvaw sett ta' regoli li se jirregolaw l-Unjoni tal-Enerġija[5];

— it-12 ta' Settembru 2017: Il-Parlament adotta riżoluzzjoni leġiżlattiva dwar regoli ta' kooperazzjoni ġodda li jippermettu lil pajjiż tal-UE li jiffaċċja emerġenza ta' nuqqas ta' gass iwissi lil stat membru ieħor dwar il-kriżi imminenti tal-provvista u jiskatta assistenza transkonfinali biex il-kriżi tiġi rimedjata[6];

— it-13 ta' Ġunju 2017: Il-Parlament adotta riżoluzzjoni leġiżlattiva dwar is-semplifikazzjoni tat-tikketti tal-enerġija għat-tagħmir tad-dar minn A sa G, li tippermetti lill-klijenti jagħżlu prodotti li jnaqqsu l-konsum tal-enerġija u l-kontijiet tal-enerġija tagħhom[7].

Waqt il-plenarja f'Diċembru 2018 ġie adottat ir-Regolament (UE) 2018/1999 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija. Skont ir-Regolament, kull Stat Membru jeħtieġlu jippreżenta "pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima se jinkludu miri, kontribuzzjonijiet, politiki u miżuri nazzjonali għal kull waħda mill-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija: id-dekarbonizzazzjoni, l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, is-sigurtà tal-enerġija, is-suq intern tal-enerġija, u r-riċerka, l-innovazzjoni u l-kompetittività.

Frédéric Gouardères / Francesca Beltrame
04/2019

[5]http://www.europarl.europa.eu/news/mt/press-room/20171207IPR89713/energy-union-meps-adopt-their-initial-view-of-the-governance-set-up
[6]http://www.europarl.europa.eu/news/mt/press-room/20170908IPR83456/sharing-gas-to-ensure-gas-for-all
[7]http://www.europarl.europa.eu/news/mt/press-room/20170609IPR77001/simplifying-energy-labels-for-home-appliances-to-a-to-g